

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

14.6.2006

B6-0338/06 }
B6-0339/06 }
B6-0349/06 }
B6-0354/06 }
B6-0356/06 }
B6-0357/06 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Eurlings, Andrikiene, Brok, Kelam, Saryusz-Wolski u Tannock, f'isem il-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (Demokristjani) u Demokratiċi Ewropej
- Wiersma, Paasilinna u Swoboda, f'isem il-Grupp Soċjalista fil-Parlament Ewropew
- Lax u Malmström, f'isem il-Grupp ta' l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa
- Staes u Horacek, f'isem il-Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea
- Zimmer, Brie u Meijer, f'isem il-Grupp Konfederali tax-Xellug Magħqud Ewropew - Xellug Aħdar Nordiku
- Szymanski, Zile u Vaidere, f'isem il-Grupp ta' l-Unjoni għal Ewropa tan-Nazzjonijiet

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- ALDE (B6-0338/06)
- PPE-DE (B6-0339/06)
- PSE (B6-0349/06)
- Verts/ALE (B6-0354/06)
- GUE/NGL (B6-0356/06)
- UEN (B6-0357/06)

dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja li sar f'Sochi fil-25 ta' Mejju 2006

RC\619767MT.doc

PE 374.617}
PE 374.618}
PE 374.628}
PE 374.633}
PE 374.635}
PE 374.636} RC1

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja li sar f'Sochi fil-25 ta' Mejju 2006

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Russja, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997 u li tiskadi fl-2007,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta' qabel dwar ir-Russja u ċ-Ċeċnija, u, b'mod partikulari, ir-rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2004 lill-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja li sar f'The Hague fil-25 ta' Novembru 2004,
 - wara li kkunsidra r-riżultat tas-17-il Samit bejn l-UE u r-Russja li sar f'Sochi fil-25 ta' Mejju 2006,
 - wara li kkunsidra d-djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u r-Russja,
 - wara li kkunsidra r-responsabilitajiet internazzjonali u Ewropej attwali tar-Russja, bħala President fil-Kariga tal-G8 u tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa (ALDE)
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi koperazzjoni msaħħa u relazzjonijiet ta' ġirien tajba bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza ewlenija għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità ta' l-Ewropa kollha,
- B. billi ż-żewġ naħat jenfasizzaw l-importanza ta' sħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja u l-intenzjoni tagħhom li jsaħħu aktar il-koperazzjoni tagħhom fl-Ewropa u lil hinn minnha fuq il-bażi ta' interessi u valuri komuni, b'mod partikulari d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem,
- C. billi s-Samit bejn l-UE u r-Russja li sar f'San Petroburg f'Mejju 2003 kien iddeċieda li jadotta erba' oqsma komuni, biż-żieda tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, tal-qasam tas-sigurtà esterna u tal-qasam tar-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura fiż-Żona Ekonomika Komuni miftiehma sentejn qabel, billi ż-żewġ naħat irrevedu l-progress li sar sal-lum fl-implimentazzjoni ta' l-erba' 'spazji komuni', (Verts D),
- D. billi fil-qasam ta' l-enerġija b'mod partikulari, ir-relazzjonijiet iridu jissaħħu iżjed fuq il-bażi tat-trasparenza u t-tmexxija mtejba ta' dan is-settur, ta' l-affidibilità tal-provvista, ta' l-użu mhux diskriminatorju tal-faċilitajiet ta' transitu u ta' kundizzjonijiet mtejba għal iktar investiment (PSE D)
- E. billi wara t-tkabbir aħħari tagħha, l-UE hija impenjata b'mod qawwi fl-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea għall-Viċinanza bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin fl-azzjonijiet esterni tagħha, u sussegwentament il-parteċipazzjoni ulterjuri tagħha fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti fit-

RC\619767MT.doc

PE 374.617}
PE 374.618}
PE 374.628}
PE 374.633}
PE 374.635}
PE 374.636} RC1

Tranżnistrija u l-Kawkasu ta' Isfel, billi l-UE u r-Russja għandhom responsabilità konġunta biex iwasslu kunflitti għal soluzzjonijiet paċifiċi fil-viċinanzi immedjati tagħhom,

- F. billi t-tħassib kontinwu u li qed jiżdied li qed tiddgħajjed id-demokrazija fir-Russja, il-kontroll li qed jiżdied tal-midja mill-Istat, il-kundizzjonijiet li qed jiħraxu ta' l-NGOs, iż-żieda fil-kontroll politiku tal-ġudikatura, id-diffikultajiet jiżdiedu sabiex tkun tista' topera l-oppożizzjoni politika, u miżuri oħrajn li saħħew b'mod konsiderevoli s-setgħa tal-Kremlin, (ALDE D mod)
 - G. billi għandha tiżdied il-koperazzjoni sabiex tissaħħaħ id-demokrazija, is-sigurtà u l-istabilità fil-viċinanzi komuni, b'mod partikulari bis-saħħa ta' attivitajiet konġunti sabiex jiġu stabbiliti d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-Belarus, (PSE H)
 - H. billi minn Mejju 2006 l-Federazzjoni Russa għandha l-presidenza (sistema ta' rotazzjoni) fil-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa; billi l-ewwel prijorità tar-Russja fil-presidenza tagħha, kif ippreżentata mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tagħha Lavrov, hija 'It-Tisħiħ tal-mekkaniżmi nazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar id-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali', (Verts I)
1. Jenfasizza l-importanza ta' sħubija msaħħa u mtejba bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa ibbażata fuq l-interdipendenza u interessi komuni (PSE I) fl-iżvilupp ta' l-erba' spazji komuni, iżda huwa tal-fehma li l-isħubija preżenti mar-Russja hija iktar pragmatika milli strateġika peress li tirrifletti qabel kollox interessi ekonomiċi komuni mingħajr ma tilħaq riżultati importanti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; (mod)
 2. Jilqa' l-ħidma għaddejja fuq l-Ispazju Ekonomiku Komuni (CES), li għandu l-objettiv ġenerali li jneħħi l-ostakoli għall-kummerċ u l-investment u li jippromwovi riformi u l-kompetittività, fuq il-bażi tal-prinċipji tan-non diskriminazzjoni, it-trasparenza u t-tmexxija tajba, iżda jiddispjaċih għan-nuqqas ta' progress sostanzjali fl-implimentazzjoni Prattika tar-'Road Maps' għat-tliet Spazji Komuni oħra;
 3. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-koperazzjoni fl-enerġija u l-ħtieġa li r-relazzjonijiet fl-enerġija bejn l-UE u r-Russja jissaħħu; jiddispjaċih għalhekk li s-samit ma wassalx għal ftehim f'dan il-qasam u jenfasizza bħala bażi għal iktar negozjati l-prinċipju ta' interdipendenza u tat-trasparenza kif ukoll l-importanza tar-riċiproċità fir-rigward ta' l-aċċess għas-swieq, l-infrastruttura u l-investment bl-objettiv li jiġu evitati strutturi tas-suq oligopolistiċi u għad-diversifikazzjoni tal-provvista ta' l-enerġija ta' l-Unjoni Ewropea; jistieden f'dan il-kuntest lir-Russja biex tirratifika t-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija; (PPE mod) u biex tiżdied il-koperazzjoni fuq l-iffrankar ta' l-enerġija u fuq l-enerġija li tiġġedded, (mod)
 4. Jilqa' l-iffirmar ta' ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u l-ammissjoni mill-ġdid li l-għan tagħhom huwa li jnaqqsu r-restrizzjonijiet għal viżas għall-ivvjaġġar għal ċerti kategoriji ta' ċittadini kif ukoll li jiffaċilitaw l-espulsjoni ta' immigranti li jidħlu fl-UE illegalment minn territorju Russu;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jaħdem flimkien mar-Russja bħala sieħeb strateġiku neċessarju għall-paċi, l-istabilità u s-sigurtà, u fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-estremiżmu vjolenti, kif ukoll biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà sottili f'oqsma bħal perikli ambjentali u nukleari, id-droga, it-traffikar ta' l-armi u tal-bniedem, il-kriminalità organizzata minn bejn il-fruntieri fil-viċinanzi Ewropej, f'koperazzjoni ma' l-OSCE u forums oħra internazzjonali; (PSE 2)
6. Jilqa' l-fteħima dwar il-kundizzjonijiet tal-programm ta' għajjuna ta' € 20 miljun tal-Kummissjoni Ewropea għall-irkupru soċjo-ekonomiku tal-Kawkażu ta' Fuq bħala għelm ulterjuri tar-rieda ta' l-UE u tar-Russja li jikkoperaw f'dan ir-reġjun;
7. Jappoġġja x-xogħol li qed isir b'mod konġunt miż-żewġ imsieħba biex isaħħu l-koperazzjoni Prattika fl-immaniġġjar ta' kriżijiet u jenfasizza l-ħtieġa li ssir koperazzjoni fit-tiħiħ ta' mekkaniżmi multilaterali ta' non proliferazzjoni;
8. Jilqa' l-proposta tal-Presidenza Finlandiża li tagħti prijorità lid-Dimensjoni tat-Tramuntana fil-programm tal-Presidenza tal-Kunsill tagħha; jenfasizza li din tista' tkun għodda importanti fit-tiħiħ tas-sħubija bejn l-UE u r-Russja, li għaliha għandhom jitħejjew proposti u proġetti konkreti bl-iffinanzjar neċessarju li jiġi magħhom; (PSE 4)

Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

9. Jagħraf l-importanza ta' bosta djalogi stabbiliti għat-titjib fit-tħaddim tal-koperazzjoni u s-sħubija bejn l-UE u r-Russja u jenfasizza b'mod partikulari n-neċessità ta' Djalogu effettiv dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; (mod)
10. Jistieden ukoll lill-Gvern Russu biex f'dan il-qafas jikkontribwixxi għat-tiħiħ tal-Konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u r-Russja bħala parti essenzjali mill-isħubija bejn l-UE u r-Russja u biex jithallem joperaw organizzazzjonijiet domestiċi u internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u NGOs oħrajn; (PSE 6)
11. Jinnota d-dikjarazzjoni tal-Presidenza Awstrijaka dwar ir-riżultat tal-konsultazzjoni bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem li saret f'Marzu 2006; jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Presidenza Awstrijaka li tnedi inkjesti dwar każijiet ta' għejbien ta' persuni u ta' tortura fiċ-Ċeċnija (Verts 9)
12. Ihegġegħ lill-Federazzjoni Russa bħala membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa li ttejjeb il-kundizzjonijiet għal prigiunieri u ttejjem id-diffikultajiet għal avukati biex ikollhom aċċess għal uħud minnhom (Verts 14)
13. Jistieden lill-imsieħba biex id-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-fteħima ġdida, wara li tiskadi l-Fteħima ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni (PCA), tiżviluppa fi strument isstrutturata tajba u iktar trasparenti għall-progress lejn politika komuni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
14. Jistenna li l-verżjoni eżistenti tal-PCA, li tiskadi fl-2007, u li tiffoka wkoll fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili, se tkun is-sisien tal-PCA il-ġdida u jilqa' l-fteħima milqugħa fis-

RC\619767MT.doc

PE 374.617}
 PE 374.618}
 PE 374.628}
 PE 374.633}
 PE 374.635}
 PE 374.636} RC1

samit li l-PCA attwali tibqa' valida sakemm il-ftehma ġdida tidħol fis-seħħ;

15. Jistieden lill-Gvern Russu biex jonora r-responsabilità tiegħu bħala President tal-G8 u bħala President tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa li jilħaq riżultati tanġibbli fl-iżvilupp ulterjuri tal-kummerċ trasparenti u relazzjonijiet ekonomiċi siguri u fil-ħolqien ta' l-istabilità, tas-sigurtà, tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; (PSE 5)
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-President u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-OSCE u lill-Kunsill ta' l-Ewropa.